**TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**(GHAWDEX)**

GUDIKATUR DOTTOR KEVIN MOMPALAO LL.D. Atem

Seduta tal-Hamis 19 ta' Novembru 2015

Avviz Nru 28/2014

Club 212 Trading LimitedAnthony Lautier
Vs
Gozo Coaches Co-op Limited.

It-Tribunal

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas fis-somma ta' tlett elef tlett mija u sittin Ewro (€ 3360) bilanc dovut ghal bejgh u kunsinna ta' elfejn card maghrufa bhala 'The Big Discount Card'. Bl-ispejes kif mitlub.

Ra r-risposta tal-konvenuti li permezz taghha eccepew illi l-ammont mhux dovut stante illi l-iskema tal-discount cards ma kientx irnexxiet u ma kienitx qed tithaddem tant illi l-konvenuti pretendew illi ghandha tigi rifuza lilhom is-somma gia mhallsa ta' elfejn tmien mija u tnejn u hamsin Ewro (€2825).

Ra l-kontro talba fejn wara li gie premess illi l-iskema tad- discount cards imnedija minn l-attirci ma kientx irnexxiet u ma kienitx qed tithaddem u kellha diversi problem, l-konvenuti talbu ir-rifuzjoni tas-somma gia mhallsa ta' elfejn tmien mija u tnejn u hamsin Ewro (€2852).

Ra r-risposta ghal kontro talba fejn gie eccepit illi mhux minnu li l-kumpanija attrici jew il-hwienet illi dahlu fl-iskema kienu b'xi mod jahtu ghal cards li ma nbieghux; gie eccepit ukoll illi l-ammont mitlub fil-kontro talba kien wiehed ezagerat.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Sema x-xhieda bil-gurament u ra t-traskrizzjonijiet ta' l-istess xhieda.

Ra d-digriet u l-verbali kollha tieghu nkluz dak tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Ottubru tas-sena  elfejn u hmistax (2015) illi permezz tieghu din il-kawza giet diferita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi din l-iskema kienet topera fis-sens illi jinhargu cards illi jinbieghu lil xi operatur turistiku sabiex dan jagevola lil klijenti tieghu bihom u jaghtihom din il-card li in oltre tkun tintitolhom ghal skontijiet minn diversi stabbilimenti u azjendi turistici. L-operatur li jakkwisthom ihallas ghalihom, f'dan il-kaz zewgt Ewro (€ 2) il-wahda.

Jidher bla dubbju anke minn dak li xehdu s-sidien ta' l-istabbilimenti u azjendi li kienu mdahhlin fiha illi din l-iskema kienet fjask mill-bidu sat tmiem u it-turisti ma kienux juzawha. Ghal xi raguni din l-iskema ma kienetx qed thajjar lil min kien intitolat jibenifika minnha.

Jidher illi l-operatur turistiku f'dan il-kaz il-kumpanija konvenuta kienet qed issib diffikulta illi tmexxi dawn il-cards, tant illi f'email datat 30 ta' Awissu 2012 (fol 24) prezentata mill-kumpanija attrici nnifisha, ir-rapprezentant tal-kumpainja konvenuta kien informa lir-rapprezentat tal-kumpanija attrici illi hu kien biss dispost li jhallas il-bilanc jekk jinghata assikurazzjoni li din l-iskema tinzamm fis-sehh ghal minn l-anqas sena ohra.

Din l-assikurazzjoni ma waslet qatt. Il-hlas ma sarx. Il-kumpanija attrici ghamlet kawza; u l-kumpanija konvenuta iddepozitat il-cards taht l-awtorita tal-Qorti.

Fic-cirkostanzi dan it-Tribunal hu tal-fehma illi dawn il-cards ma kienux qed jilhqu l-iskop li ghalih kienu qed jinxtraw u l-kumpanija attrici ma kinitx f'posizzjoni li taghti assikurazzjoni li l-iskema ser tinzamm fis-sehh. Ghalhekk l-maggor parti tal-cards kienu ser jibqghu ma wicc min xtrahom. Ghalhekk dan it-tTribunal jikkonsidra illi l-kumpanija konvenuta kellha kull dritt twaqqaf il-hlasijiet li kien baqa'.

Jirrizulta pero illi hazin jew tajjeb dawn il-cards kienu qed jintuzaw fis-sens li kienu qed jinghataw lil klijenti, almenu fl-inizju ta' l-iskema. Jekk il-klijenti ma kienux qed juzawhom l-anqas ghandu jinkombi totalment fuq il-kumpanija attrici. Minn naha l-ohra mhux eskluz li ma ghamlet xejn biex tippromwovi ahjar l-iskema. Jidher fil-fatt illi l-kumpanija attrici kient qabdet f'ida flus kemm minn ghand l-operaturi mdahhlin fl-iskema kif ukoll  minn ghand min kien qed jixtri l-cards u kienet qeghda tajjeb.

Fic-cirkostanzi u fuq bazi ekwitattiva dan it-Trbunal hu tal-fehma illi l-kumpanija konvenuta ma ghandha thallas xejn aktar lil kumpanija attrici u ghalhekk it-talba attrici qed tigi rigettata. Izda min naha l-ohra dak li diga thallas ma ghandux jigi rifuz lura u

ghandu jirraprezenta l-valur ta’ dak is-servizz illi lahaq ittiehed b’mod jew iehor mill-uzu ta’ parti minn dawn il-cards. Ghalhekk il-kontro talba l-anqas ser tigi akkolta.

Ghaldaqstant dan it-tribunal jaqta’ u jiddeciedi din il-kawza billi jichad kemm it-talbiet attrici kif ukoll it-talbiet vantati fil-kontro talba. Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez tat-talba ghandhom jitbghatew mill-kumpanija attrici filwaqt illi dawk tal-kontro talba jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet. L-ispejjez tac-cedola numru 125/14 ghandhom ikunu a kariku tal-kumpanija attrici.

Kevin Mompalao
Gudikatur

D/Registratur